**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu, 2002**

**Numru 24**

**Avviz. numru 429/01JR**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera CGU Insurance plc hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghhom Dr Mario Camilleri**

**vs**

**Joseph Caruana**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mill-attrici fid-9 ta' Ottubru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm198.90), danni kagunati f'incident awtomobilistiku ta' l-24 ta' Novembru, 2000, fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB 878 li kienet pparkjata u liema**

**vettura hija propjeta` ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici u x-xarabank numru FBY 660 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' April, 2001, dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Jackie Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut ghar-ragunijiet dedotti fl-avviz. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmienja u disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm198.90c) bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' April, 2001.**

**L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' April, 2001, dawk ta' l-iitra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**